# Saċerdoti Djoċesani minn Ħal Luqa *1800/2000*

minn Mario Cassar

Skond id-dokumenti li jeżistu fil-Kurja ta' l-Arċisqof u l-Mużew tal-Katidral, dejjem jekk huma kompluti u korretti, bejn l-1800 (mill-miġja ta' l-Ingliżi) sas-sena 2000, kien hemm 33 Ħalluqi li ħaddnu s-saċerdozju. 23 minnhom ordnaw fis-seklu dsatax u l-10 l-oħra fis-seklu għoxrin. L-ewwel wieħed li jidħol fil-lista huwa Dun Ġużepp Psaila li ħa l-quddiesa matul l-episkopat ta' Vincenzo Labini. Fl-elenku komplet ta' hawn taħt, qed nuru l-ismijiet ta' l-isqfijiet rispettivi li ħatru lil dawn is-saċerdoti kif ukoll id-data eżatta ta' l-ordinazzjoni ta' kull qassis fil-parentesi. Din il-lista, sintendi, ma turix il-patrijiet li xxierku f'diversi ordnijiet reliġjużi matul l-istess perjodu.

VINCENZO LABINI (1780–1807) – saċerdot wieħed biss
Dun Ġużepp Psaila (22/12/1804)

FERDINANDO MATTEI (1807–1829) – tliet saċerdoti
Dun Ġwann Ellul (17/12/1808)[1]
Dun Feliċjan Sammut (14/2/1818)[2]
Dun Ġwann Borg, D.D. (17/3/1821)[3]

FRANĠISKU SAVERJU CARUANA (1831–1847) – sitt saċerdoti
Dun Lawrenz Bezzina (7/4/1832)[4]
Dun Vinċenz Schembri (21/12/1833)[5]
Dun Pietru Cassar (20/12/1834)[6]
Dun Samwel Bezzina (4/4/1835)[7]
Dun Anġ Barbara (17/12/1836)[8]
Dun Indri Bondin (20/5/1837)

PUBLIJU MARIJA SANT (1847–1857) – saċerdot wieħed biss
Dun Ġużepp Bezzina (23/12/1854)[9]

GAETANO PACE FORNO (1857–1874) – erba' saċerdoti
Dun Pietru Mizzi (20/12/1862)
Dun Tumas Zammit (19/12/1863)[10]
Dun Indri Mifsud (19/12/1868)[11]
Dun Orazju Grima D.D. (23/12/1871)[12]

CARMELO SCICLUNA (1875–1888) – erba' saċerdoti
Dun Ġużepp Vassallo (21/12/1878)[13]

Dun Karm Grima (23/12/1882)[14]
Dun Indri Mifsud (22/12/1883)[15]
Dun Karm Vassallo (18/12/1886)[16]

PIETRU PACE (1889–1914) – 5 saċerdoti
Dun Vinċenz Vassallo (24/9/1892)[17]
Dun Rużar Cremona (23/12/1893)[18]
Dun Ġużepp Baldacchino (22/12/1894)[19]
Dun Ġorġ Sapiano (17/12/1898)[20]
Dun Bert Cassar (22/12/1906)[21]

MAWRU CARUANA (1915–1943) – saċerdot wieħed biss
Dun Ġużepp Callus (29/7/1934)[22]
Dun Ġużepp Sapiano (1934) – ordna f'Ruma

MIKIEL GONZI (1943–1976) – 3 saċerdoti
Dun Innoċenz Borg (11/8/1946)[23]
Dun Ġużepp Micallef (3/8/1952)[24]
Dun Karm Zammit (14/3/1959)[25]

ĠUŻEPPI MERCIECA (1976– ) – erba' saċerdoti
Dun Teddy Cumbo (19/6/1977)[26]
Dun Renè Camilleri (21/4/1979)[27]
Dun Joseph Spiteri (29/6/1984)[28]
Dun Martin Micallef (5/7/1996)[29]

**Nota:** S'issa l-uniku saċerdot minn Ħal Luqa fis-seklu l-ġdid kien Dun Albert Schembri, li ħa l-quddiesa fis-sena 2001.

**Referenzi:**

Micallef = Micallef, Joseph. *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha*. Malta, 1975.
L.P.L. = *Leħen il-Parroċċa Luqa* (fuljett parrokkjali, ed. Mons. Karm Zammit).
Calleja, Joe. *Ordinazzjonijiet Saċerdotali: 1800–2000*. Malta, 2001.
http://www.maltafamilyhistory.com (sit fuq l-internet).

[1] Dan is-saċerdot, fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Sultana, kien jagħmel il-laqgħat tan-nisa qabel il-benedizzjoni kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Hamis (Micallef, p. 242).

[2] Meta f'Ottubru ta' l-1823 id-delegat ta' l-Isqof Mattei, Mons. Publiju Sant, għamel viżta pastorali fir-raħal sab li l-Kappillan Sultana kellu biss żewġ qassisin jassistuh: Dun Ġwann Ellul (q.v.) u appuntu Dun Feliċjan Sammut (L.P.L., Marzu 1979, p. 2).

[3] Dun Ġwann Borg (1796–1862) dam 18-il sena jgħallem il-lingwi u r-retorika fis-Seminarju. Fetaħ skola privata fil-Belt u anki sar kanonku tal-knisja ta' San Pawl. F'Ħal Luqa kien il-prokuratur ta' l-altar ta' l-Agunija fis-snin 1833–47. Fl-1854 sar kappillan ta' Ħal Qormi (San Ġorġ). Fl-1862 laħaq penitenzier tal-Katidral ta' l-Imdina (Micallef, p. 259).

[4] Fl-1837 Dun Lawrenz Bezzina niseġ il-paniġierku f'jum il-festa ta' Sant'Andrija (Micallef, p. 254). Kien ħu Dun Samwel Bezzina (q.v.) u Dun Ġużepp Bezzina (q.v.). Isem it-tliet aħwa jidher fir-Reġistru Elettorali ta' l-1849 fost is-sittax-il Ħalluqi li kienu eliġibbli għall-vot meta saret l-ewwel elezzjoni ġenerali f'Malta. Dun Lawrenz jerga' jissemma fir-Reġistru Elettorali ta' l-1860.

[5] Dan is-saċerdot serva ta' kappillan fil-parroċċi ta' l-Imqabba (1854–63) u taż-Żurrieq (1863–81)

(Micallef, p. 259). Kien jiġi ħu l-Ġiżwita magħruf Patri Indri Schembri (1805–1875) li għamel ħafna ġid fost l-emigranti Maltin fl-Alġerija.

6 Dun Pietru Cassar (1812–1863) jidher fir-Reġistru Elettorali ta' l-1849. Kien l-ewwel rettur tal-knisja tal-Karmnu f'Ħal Luqa kif ukoll il-prokuratur tal-knisja parrokkjali; huwa baqa' jokkupa dawn il-karigi sa l-1854, meta nħatar kappillan ta' Ħal Għaxaq (Micallef, p. 243). Kien hu li ħa l-inizjattiva sabiex jibda l-ġbir għad-damask tal-knisja. Fl-1862, imbagħad, kien it-tieni Ħalluqi fl-istorja li sar kappillan tar-raħal. Dal-qassis maħbub u ħabrieki miet ta' wieħed u ħamsin sena (Micallef, pp. 243, 245).

7 Dun Samwel Bezzina kien ħu Dun Lawrenz Bezzina (q.v.) u Dun Ġużepp Bezzina (q.v.). Hu u ħutu kienu joqogħdu f'Nru. 47, Triq Sant'Andrija. Dun Samwel u Dun Ġużepp jissemmew fir-Reġistri Elettorali ta' l-1849, l-1860, l-1870, u l-1880.

8 Dun Anġ Barbara jidher fir-Reġistru Elettorali ta' l-1849.

9 Dun Ġużepp Bezzina kien ħu Dun Lawrenz Bezzina (q.v.) u Dun Samwel Bezzina (q.v.). L-aħwa kienu tlieta mis-sitt qassisin li sab l-Isqof Pace Forno fil-viżta pastorali li għamel f'Ħal Luqa f'Marzu ta' l-1859 (L.P..L., Marzu 1979, p. 2). Dun Ġużepp deher fir-Reġistru Elettorali ta' l-1849 meta kienu għadu kjeriku-seminarista.

10 Dun Tumas Zammit jidher fir-Reġistri Elettorali ta' l-1880 u l-1900; fiż-żewġ elenki hu indikat li kien joqgħod f'Nru. 22, Triq San Pawl. Kien appuntu waqt l-Ewwel Quddiesa ta' dan is-saċerdot li l-Kappillan Cassar (q.v.) ħassu ħażin u miet fil-kor tal-knisja (Micallef, p. 245). Zammit innifsu miet f'April ta' l-1900 (*ibid.*, p. 264).

11 Dan is-saċerdot hu probabbilment dak li fir-Reġistru Elettorali ta' l-1900, hu indikat bħala Dun Andrea Mifsud Aquilina, li kien jabita f'Nru. 6, Triq Britannica. It-tieni kunjom aktarx żdied biex jingħażel minn Dun Indri Mifsud (q.v.), qassis ieħor li ħa l-quddiesa fl-1883. Miet fl-1903 (Micallef, p. 264).

12 Dun Orazju Grima (1848–1922) kien it-tielet kappillan Ħalluqi li serva fir-raħal. Fis-snin 1874–77 kien viċi-parroku fil-parroċċa; wara mar kappillan Ħaż-Żabbar, sa l-1884, u Ħal Safi, sa l-1888 (Micallef, p. 248). Fir-Reġistru Elettorali ta' l-1900 hu indikat li kien joqgħod f'Nru. 59, il-Pjazza tal-Knisja. Il-parrokat tiegħu (1888–1903) jibqa' marbut mal-bini tan-navi li tlestew fl-1904 (*ibid.*, p. 272). Huwa ħalla r-raħal meta nħatar arċipriet u monsinjur tal-Katidral (*ibid.*, p. 264).

13 Dan il-qassis kien l-id il-leminija tal-Kappillan Grima (q.v.) matul il-bini tan-navi. Meta x-xogħol għamel xi żmien wieqaf, Dun Ġużepp, bħala iben ta' mgħallem tal-ġebel, saħansitra ħa l-proġett f'idejh (Micallef, p. 271). Fl-1910 ta bidu għall-aħħar biċċa xogħol kbira li kien baqa' – iz-zuntier tal-knisja (*ibid.*, p. 273). Kien ħu Dun Karm Vassallo (q.v.).

14 Dun Karm Grima kien ħu l-Kappillan Grima (q.v.). Fis-sena skolastika 1891–92, laħaq professur tat-teoloġija morali fis-Seminarju, telaq mir-raħal, u mar joqgħod Birkirkara (Micallef, p. 264). Fir-Reġistru Elettorali ta' l-1900 hu indikat li kien joqgħod f'Nru. 10, il-Pjazza tal-Knisja. Fl-1905 sar rettur ta' l-istess Seminarju u ħames snin wara nħatar ukoll monsinjur tal-Katidral. Miet fl-1940 (*ibid.*, p. 277).

15 Fir-Reġistri Elettorali ta' l-1900 u l-1920, hu indikat li kien jabita f'Nru. 10, Triq Britannica.

16 Dun Karm Vassallo, ħu Dun Ġużepp Vassallo (q.v.), ħadem ħafna biex ikattar id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu u ma naqasx li kull sena jagħmel il-festa tagħha. Sakemm dam rettur tal-knisja tal-Karmnu, sar il-kwadru ta' Lazzaro Pisani (1897) li llum jinsab fiċ-Ċentru Parrokkjali (Micallef, p. 243). Dawn iż-żewġ saċerdoti kellhom żewġ aħwa oħra tassew illustri – il-grammatiku Ġanni Vassallo (1862–1937) u l-arkitett Indri Vassallo (1856–1928). Dun Ġużepp, Dun Karm, u Ġanni Vassallo, fir-Reġistri Elettorali ta' l-1900 u l-1920, huma indikati li kienu jabitaw fl-istess dar, f'Nru. 69, Triq Britannica.

17 Fir-Reġistru Elettorali ta' l-1900 hu indikat li kien joqgħod f'Nru. 94, Triq San Ġużepp.

18 Dan kien is-saċerdot li fl-1896 assista xi partitarji tal-Banda Unjoni li ndifnu taħt it-terrapin wara splużjoni f'Dar Nru. 55, Triq San Pawl (Micallef, p. 240). Għalkemm kien joqgħod ir-raħal, sa mill-1900 kien kappillan ta' l-isptar tal-lebbrużi. Fir-Reġistru Elettorali ta' dik is-sena hu indikat li kien joqgħod f'Nru. 9, Triq Sant'Andrija. Fl-1910 telaq minn Ħal Luqa biex imur jgħix fl-istess sptar. Wara 34 sena ta' ħidma fejjieda ma' dawn il-morda, l-Arċisqof Caruana ħatru monsinjur onorarju tal-Katidral (*ibid.*, p. 264).

19 Fir-Reġistri Elettorali ta' l-1900 u l-1920 hu indikat li kien joqgħod f'Nru. 114, Triq il-Karmnu.

20 Meta Dun Ġorġ Sapiano ġie Ħal Luqa, fir-raħal kien hawn 12-il qassis; tlieta minnhom kienu għadhom kemm ordnaw miegħu (Micallef, p. 264). Fir-Reġistru Elettorali ta' l-1920 hu indikat li kien joqgħod f'Nru. 8, Triq Britannica.

21 Meta Dun Bert (Bartilmew) Cassar ġie r-raħal fl-1907, il-parroċċa kellha sitt qassisin oħra (Micallef, p. 264). Fir-Reġistru Elettorali ta' l-1920 hu indikat li kien joqgħod f'Nru. 19, Triq Sant'Andrija.

22 Dun Ġużepp Callus kien il-qassis li żera' l-Azzjoni Kattolika f'Ħal Luqa meta fl-1934 beda s-sezzjoni

ta' l-aspiranti u l-ġuvintur. Huwa nieda wkoll kumpanija teatrali billi kien jemmen ħafna fid-dimensjoni edukattiva tal-palk. Miet fl-1984.

[23] Dun Innoċenz Borg (1921– ) twieled ir-Rabat iżda ġie joqgħod Ħal Luqa ta' età żgħira. Huwa serva ta' kappillan f'Ħal Għaxaq (1952–54) u f'Ħal Lija (1954–56). Ħa l-pussess tal-parroċċa ta' Ħal Luqa nhar il-Milied ta' l-1956. Fi żmienu saru diversi opri fil-knisja fosthom l-Orgni, il-Via Sagra, il-Kor, u l-erba' kwadri ta' Emvin Cremona (Micallef, pp. 310-12). Fl-1980 il-Kappillan Borg inħatar monsinjur tal-Katidral u għalhekk kellu jċedi t-tmexxija tal-parroċċa.

[24] Dun Ġużepp Micallef (1928–1983) jibqa' magħruf għall-ħidma tiegħu fost il-ġuvintur tar-raħal. Barra li kien għalliem f'diversi skejjel statali, huwa ħajjar ħafna żgħażagħ iħobbu l-palk u l-isport. Għamel isem bħala kittieb u storiku; l-aqwa xogħol tiegħu jibqa' *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha* (1975).

[25] Dun Karm Zammit (1932– ) beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala viċi-kappillan fil-parroċċa ta' Stella Maris, Tas-Sliema (1959–61). Għal 32 sena shaħ għallem fis-Seminarju Minuri tal-Furjana. Kien hu li nieda l-fuljett *Leħen il-Parroċċa – Luqa* (1971) li għadu joħroġ sa llum. Fl-1993 kien maħtur kanonku effettiv tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt.

[26] Dun Teddy Cumbo (1953– ) serva għal bosta snin fil-parroċċa ta' Ħal Luqa u għal perjodu qasir fil-parroċċa ta' Lourdes, Raħal Ġdid, sakemm fl-1989 telaq lejn l-Awstralja fejn għadu sa llum jaħdem fid-djoċesi ta' Melbourne.

[27] Dun Renè Camilleri (1953– ) jgħallem id-dommatika fil-Fakultà tat-Teoloġija ta' l-Università; madankollu; hu magħruf l-aktar bħala konferenzier u opinjonista dwar materji soċjo-reliġjużi u pastorali.

[28] Dun Joseph Spiteri (1959– ) serva f'diversi nunzjaturi barra minn Malta: fil-Panama, l-Iraq, il-Messiku, il-Greċja, u l-Venezuela, fejn hu bħalissa.

[29] Dun Martin Micallef (1967– ) jiġi n-neputi tal-mibki Dun Ġużepp Micallef (q.v.). L-ewwel ħidma tiegħu kienet fiż-żona pastorali Ta' l-Ibraġ (1996–2000). Eventwalment inħatar kappillan ta' Ħal Għaxaq (2000–05), u aktar tard kappillan ta' Wied il-Għajn (2005– ), fejn hu bħalissa.


www.eretric.com

*for all your auto and marine electrical needs*

Eretric Ltd.
Triq il-Mitħna ta' Caraffa
Luqa
Tel: 2166 5642 • 2167 7570
Fax: 2180 0212
e-mail: sales@erectric.com


